**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 423/2019 JZM**

**Andre Muscat**
**[Karta tal-Identita` Numru : 135278(M)]**

***kontra***

**Ariadne Capital Group Limited [C76955]**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-29 ta` April 2019 li jaqra hekk :–

*1. Illi permezz ta` kuntratt ta` impjieg datat l-ghoxrin ta`Jannar tas-sena elfejn u tmintax (20.01.2018), is-socjeta` konvenuta Ariadne Capital Group Limited, impjegat lill-Attur bhala Chief Product Officer and Interim Chief Operations Officer, liema impjieg kellu jibda mit-tnejn u ghoxrin ta`Jannar tas-sena elfejn u*

*tmintax (22.01.2018) u dana ghal zmien indefinit u dan skont kif jirrizulta minn kopja tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A".*

*2. Illi ai termini tal-kuntratt surriferit, senjatament klawsola numru 4.1, is-Socjeta` Konvenuta, kienet qablet dwar ir-rata u kif ukoll dwar il-metodu ta`kemm u kif l-Attur ghandu jithallas bhala salarju u cioe`li l-Attur ghandu jithallas fi zmien ghaxart ijiem lavorattivi dekorribbli mill-ahhar tax-xahar u ghalhekk paga mensili b`lura.*

*3. Illi ghalhekk u ai termini tal-kuntratt ta` impjieg surriferit, is-Socjeta` Konvenuta kellha thallas lill-Attur l-ewwel paga mensili tieghu fl-erbatax ta`Frar tas-sena elfejn u tmintax (14.02.2018), filwaqt li t-tieni paga mensili tieghu fl-erbatax ta` Marzu tas-sena elfejn u tmintax (14.03.2018), madanakollu l-Attur baqa`ma thallasx dawn il-Pagi.*

*4. Illi kien biss fit-tlieta ta` April tas-sena elfejn u tmintax (03.04.2018) li l-Attur ircieva hlas parzjali fl-ammont ta` sitt elef ewro [€6,000) rapprezentanti parti mill-pagi lilu dovuti.*

*5. Illi barra mill-pagi lilu dovuti skont il-kuntratt ta` impjieg, l-Attur hareg ammont sostanzjali ta` flus mill-but tieghu in konnessjoni ma` safar u kif ukoll spejjez ohra relatati direttament mal-hidma u mal-obbligi tal-impjieg tieghu u dwar liema spejjez, il-Partijiet kienu qablu ai termini tal-klawsola numru 4.6 li s-Socjeta` Konvenuta ghandha tirrifondi dawn l-ammonti lill-Attur.*

*6. Illi tul l-impjieg tieghu, li l-Attur dejjem wettaq b`mod professjonali, huwa baqa` diversi drabi jitlob lis-Socjeta` Konvenuta sabiex din thallas dak lilu dovut f`pagi u spejjez.*

*7. Illi l-ammont dovut mis-Socjeta` Konvenuta lill-Attur tammonta fis-somma komplessiva ta` erbgha u sittin elf, hames mija u erba` ewro u wiehed u tmenin centezmu [€64,504.81], in kwantu tlieta u erbghin elf, tliet mija u disgha u erbghin ewro [€43,349) rapprezentanti pagi u wiehed u ghoxrin elf, mija u hamsa u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu [€21,155.81) rapprezentanti*

*spejjez mahruga mill-Attur u relatati direttament mal-impjieg, u dan kollu skont statement hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B".*

*8. Illi in vista tal-fatt li l-istess Socjeta` Konvenuta ghalkemm kienet twieghdu li ser thallsu hija baqghet inadempjenti, l-Attur ma kellux ghazla ohra ghajr li jittermina l-impjieg tieghu minn mas-Socjeta` konvenuta.*

*9. Illi ghalhekk is-Socjeta` Konvenuta hija debitrici tal-Attur fis-somma komplessiva ta` erbgha u sittin elf, hames mija u erba` ewro u wiehed u tmenin centezmu tal-ewro [€64,504.81), rapprezentanti pagi u spejjez mahruga mill-Attur u relatati direttament mal-impjieg.*

*10. Illi dan id-debitu huwa dejn cert, likwidu u dovut u l-Attur jiddikjara li sa fejn jaf hu s-Socjeta` Konvenuta m`ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talbiet tal-Attur.*

*11. Illi ghaldaqstant jezistu u huma pjenament sodisfatti l-elementi u r-rekwiziti kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzloni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*12. llli l-Attur jiddikjara illi jaf personalment b`dawn il-fatti.*

*13. Illi s-Socjeta` Konvenuta debitament interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.*

*14. llli ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-Attur jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-Attur bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikol 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2. Tiddikjara illi s-Socjeta` Konvenuta ghandha thallas lill-Attur is-somma komplessiva ta` erbgha u sittin elf, hames mija u erba` ewro u wiehed u tmenin centezmu (€64,504.81), rapprezentanti pagi dovuti lill-Attur u spejjez mahruga mill-Attur relatati direttament mal-impjieg.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` Konvenuta thallas lill-Attur is-somma komplessiva ta` erbgha u sittin elf, hames mija u erba` ewro u wiehed u tmenin centezmu tal-ewro [€64,504.81).*

*Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-Socjeta` Konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta` Novembru 2019 mnejn *inter alia* jirrizulta li l-kawza kienet ser titqies bil-procedura ordinarja, u mhux aktar bil-procedura sommarja specjali ghar-raguni li nghatat fil-kors tal-udjenza.

Rat ukoll illi fl-istess udjenza kien ikkostatat li l-konvenuta kienet kontumaci.

Rat inoltre li fil-mori tal-kawza baqa` ma thallas xejn mis-sorte reklamat mill-attur.

Rat il-provi li gab l-attur in sostenn tal-pretensjoni tieghu.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-konvenuta tipprezenta nota ta` osservazzjonijiet sal-31 ta` Dicembru 2019.

Rat illi ma kenitx prezentata nota ta` osservazzjonijiet min-naha tal-konvenuta.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Accertat li l-konvenuta tinsab fi stat ta` kontumacja, tajjeb li jkun affermat il-principju tad-dritt illi l-kontumacja ta` konvenut tekwivali ghal kontestazzjoni tal-jedd pretiz mill-attur. Dan ikompli jfisser li l-attur ghandu xorta wahda jaghmel il-prova tal-istanza tieghu kif trid il-ligi.

Dwar il-mertu tal-azzjoni, xehed **__l-attur__**.

**__L-attur__** xehed li f`Dicembru 2017, kien avvicinat minn Julie Meyer li kienet ic-Chief Executive Officer tal-kumpannija konvenuta fejn kien propost lilu impieg. Wara li saru numru ta` laqghat, l-attur iddecieda li jaccetta l-offerta taghha u ffirma kuntratt ta' impjieg fl-20 ta' Jannar 2018 bhala *Chief Product Officer and Interim Chief Operations Officer*. Beda jahdem mill-ewwel u beda jsiefer fuq xoghol biex ikun jista` jattira investituri potenzjali.

Kompla jixhed illi skont il-kuntratt, l-ewwel paga kellha tkun dovuta fl-14 ta` Frar 2018. Dakinhar pero` l-paga ma thallsitx. Tkellem ma` Julie Meyer li gharrfitu li sal-ahhar tax-xahar ikun sar il-hlas. Intant huwa beda jircievi lmenti minn *suppliers* u persuni ohra sabiex jithallsu dak dovut lilhom. Meta wasal l-ahhar ta` Frar 2018, baqa` ma thallasx. Mhux biss ma sarx il-hlas ta` dik il-paga izda lanqas it-tieni paga ghalkemm Julie Meyer accertatu li kien ser jithallas kollox.

Stqarr li apparti l-arretrati tal-paga, lanqas ma kien rimborsat spejjez li nkorra meta siefer fuq xoghol u spejjez ohra li kienu relatati mal-impjieg tieghu. Innota wkoll li numru ta` persuni bdew jitilqu mill-impjieg taghhom mas-socjeta` konvenuta.

Spjega li kien biss fit-3 ta` April 2018 li rcieva hlas parzjali mill-arretrati fl-ammont ta` €6,000. Il-figura kienet determinata b`mod arbitrarju mill-konvenuta. Minkejja dak il-pagament akkont, ighid li baqa` jinsisti li jithallas kull ma kien dovut u Julie Meyer assikuratu li kien ser jithallas sal-10 ta` Mejju 2018. Dan jidher ukoll mill-korrispondenza Dok AM1 u Dok AM 2. F`dik is-sitwazzjoni huwa ha d-

decizjoni li jirrizenja mill-impjieg tieghu tant illi ta l-avviz tat-terminazzjoni tal-impjieg lil Julie Meyer.

Ikkonferma li s-sorte dovut lilu kien ta` €64,504.81, in kwantu ghal €43,349 bhala pagi u in kwantu ghal €21,155.81 bhala spejjez.

**Ikkunsidrat :**

**Wara li qieset il-provi tal-attur fl-assjem taghhom, jirrizulta sodisfacjentement ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-ammont komplessiv ta` €64,504.81 pretiz mill-attur kien fil-fatt dovut fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, u hekk jirrizulta li ghadu dovut fid-data tal-lum.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tilqa` t-tieni talba kif dedotta.**

**Tilqa` t-tielet talba kif dedotta bl-imghax legali b`effett mid-29 ta` April 2019 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**